Stqarrija tal-MUT

Protesta MCAST

1 ta' Ottubru 2024

Fl-istess ħin li qiegħda ssir din il-protesta kellu jkun hawn iċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-sena akkademika tal-MCAST, propju fis-sala ta' warajna. Ħafna mill-membri tal-MUT li huma miġburin hawn kellhom l-invit sabiex jattendu.

Għat-tmexxija l-ġdida tal-MCAST din kellha tkun sena normali. Iżda li jkollok ftehim kollettiv skadut b'sentejn u disa' xhur ma hu normali xejn. Li jkollok negozjati li ma huma jwasslu mkien ma hu normali xejn. Tant mhux normali li s-sena akkademika ngħalqet bid-direttivi u reġgħet infetħet bid-direttivi. Iżda t-tmexxija l-ġdida tal-MCAST ma jimpurtahiex minn dan, għax hija interessata biss kif se tidher.

Żgur li ċ-ċerimonja tal-ftuħ ma kinitx se tidher tajjeb bi protesta barra l-bibien tal-amministrazzjoni. Ma jmurx l-attenzjoni taqa' fuq il-protesta tal-Union u mhux fuqhom! Għalhekk it-tmexxija tal-MCAST kienet pronta u kif semgħet bil-protesta ħassret iċ-ċerimonja, għaliex għat-tmexxija tal-MCAST is-sitwazzjoni kienet bħallikieku "t-tfal qagħdu mqarbin, mela allura nħassrulhom il-party b'kastig"! Ħadd minna ma ddispjaċieh, għax aħna m'aħniex nies taċ-ċerimonji. Iċ-ċerimonji nħalluhom għal min irid jiftaħar bix-xogħol tagħna.

Iżda dan mhux se nippermettu li jsir b'detriment għall-kundizzjonijiet tagħna. U dan hu dak li ġara fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. Minflok ma l-Prinċipal il-ġdid, li ilu l-MCAST 20 sena, sab is-soluzzjonijiet, kitbilna biex jheddidna bl-azzjonijiet legali. Dan minflok ma ħaddem il-famuż djalogu soċjali li tant nisimgħu bih! Il-Prinċipal sab soluzzjoni faċli biex mingħalih joħroġ ifuħ. Qalilna li l-ftehim għandu jmur għall-arbitraġġ u jkun l-arbitru li jiddeċiedi. Żied li jekk ma naċċettawx jew ma nirrispondux sal-ħin li tana kien se jieħu azzjonijiet legali kontrina. Aħna għednielu: "Mur u ħu l-azzjonijiet legali li trid, għaliex is-soluzzjoni faċli tiegħek ma rriduhiex."

**MALTA UNION OF TEACHERS** • 759, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, ĦMR1016, Malta
**Telephone**: +356 2123 7815, +356 2122 2663 • **Email**: info@mut.org.mt
**MUT.ORG.MT**

Iżda dan x'juri? Juri li:

1. għall-Prinċipal il-ġdid jew tagħmel kif jgħid hu jew jeħodha kontrik;
2. il-Prinċipal ma għandux interess fil-ftehim;
3. tant ma għandux interess fil-ftehim li lest li ħaddieħor jiddeċiedi għalih mingħajr diskussjoni;
4. tant ma għandux interess fil-ftehim li ddeċieda mingħajr ma attenda lanqas laqgħa waħda tan-negozjati;
5. tant ma għandux interess fil-ftehim li lanqas kien lest jisma' x'konna qed nipproponu.

Ir-risposta tagħna hi: "Prinċipal, aħna m'aħniex se ninnegozjaw il-ftehim miegħek. Jekk int ma tridx li jkollok x'taqsam magħna, aħna ma rridux li jkollna x'naqsmu miegħek." Stajna nagħmlu ċerimonja aħna llum, għaliex dan hu l-ewwel prinċipal li ġie sfiduċjat mill-MUT fl-ewwel xahar tal-ħatra tiegħu. Dan il-Prinċipal hu l-kaġun tal-akbar protesta li qatt saret fl-MCAST, u ser ikun l-uniku Prinċipal li ma mexxiex negozjati ta' ftehim kollettiv mal-MUT.

Iżda x'inhuma s-soluzzjonijiet? Is-soluzzjonijiet huma r-risposti dwar in-negozjati, li sa issa ma waslux. Aħna kulma talbuna għamilnieh. Talbuna dokument finali għaliex riedu jaraw kollox miġbur, wara tant diskussjonijiet, u għamilnieh ukoll. Iżda issa ma jiġi ħadd jipponta subgħajh lejna għan-nuqqas ta' ftehim! Għandna l-evidenza kollha dwar dawn is-sentejn u disa' xhur ta' negozjati, u se nużawha fejn ikun hemm bżonn.

Fl-aħħar nett, lill-Prinċipal ngħidulu li d-direttivi ser inżiduhom, mhux innaqqsuhom! Fil-fatt aktar tard illum ser inħabbru d-direttivi li ser jidħlu fis-seħħ din il-ġimgħa.

**MALTA UNION OF TEACHERS** • 759, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, ĦMR1016, Malta
**Telephone**: +356 2123 7815, +356 2122 2663 • **Email**: info@mut.org.mt **MUT.ORG.MT**